**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 19 t' April, 2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs**

**Alexander Chircop detentur tal-karta tal-identita' numru 256048M**

**Kumpilazzjoni Nru. 646/98**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Alexander Chircop u ċioè talli:

1. F'diversi bnadi f'dawn il-gżejjer, bejn il-15 ta' Awwissu 1998 u l-5 ta' Settembru, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda li b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġab'oħra sabiex ġiegħel titwemmen l-ezistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi grajja kimerika għamel qligħ ta' aktar minn Lm8, 477 bi ħsara ta' Bugeja Brothers Ltd u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 ta' l-Liġijiet ta' Malta.

2. Sar reċidiv fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza definitiva li ma tsitax tinbidel, tal-Qorti tal-Maġistrati Awla (2) datata 7

ta' Ottubru, 1996.

3. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati Awla (3) datata 7 ta' Ottubru, 1996 u cioè Artikolu (9)tal-Kapitlu 152 għal żmien sentejn.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat fis-seduta tallum 19 t'April, 2016 ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li nghata zmien biex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda madanakollu din il-Qorti tqis li ma ngiebet ebda prova sabiex minghajr dubbju dettat mir-raguni jigi ppruvat li l-imputat huwa l-istess persuna li s-sentenza esebita tirreferi ghalih. Ghaldaqsant hija l-ewwel imputazzjoni biss li bl-ammissjoni tieghu din il-Qorti qed tqis li giet soddisfacentement pruvata.

Illi l-imputat jinsab akkuzat bi frodi ta' dsatax il-elf ewro seba mija u tnejn u hamsin Euro (€19,752) rapprezentanti tmient elef erba mija seba u sebghin Lira Maltin (LM8,477) a detriment ta' Bugeja Brothers Limited.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-fedina penali tieghu, kif ukoll tat-trapass inordinat ta' zmien li din il-kawza ila pendenti u li ghaldaqstant piena karcerarja certament ma hiex piena idonea.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 308, 309, 310 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin.

Tordna li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat ihallas is-somma ta' dsatax il-elf ewro seba mija u tnejn u hamsin Euro (€19,752) rapprezentanti tmient elef erba mija seba u sebghin Lira Maltin (LM8,477) lil parte leza u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat qieghed jinghata zmien sitt (6) xhur sabiex jaffetwa tali hlas f'rati mensili li ghandhom jibdew jiddekorru mill-ahhar ta' Mejju, 2016.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**